MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Awwissu, 2009

Numru 850/2009

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)

Vs.

Bjorn Grima

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat, detentur tal-karta tal-identità numru 344185(M) akkuzat talli:

1. nhar it-28 ta’ Gunju 2009 ghal habta ta’ 00:30hrs, fil-Belt Valletta, hebb kontra Joseanne Farrugia detentrici tal-karta ta’ l-identita 442382M, persuna li kienet qieghda tghix mieghu matul il-perjodu ta’ sena qabel ir-reat ai terminu ta’ l- Artikolu 202(h) tal-Kap 9, sabiex jingurjaha, idejjaqha u/jew jaghmillha hsara u kkagunalha offizi liema

offizi jitqiesu li huma hfief kif iccertifikat minn Dr. Paul Scarrow M.D. mill-Isptar St. James;

U aktar talli fix-xahar t'Awissu 2009 u xhur qabel, b'diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula minnu b'risoluzzjoni wahda:

2. uza vjolenza sabiex igieghel lil Joseanne Farrugia taghmel, thalli jsir, jew tonqos milli taghmel xi haga u wasal fil-hsieb tieghu;

3. fl-istess zmien u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Joseanne Farrugia u b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal Joseanne Farrugia;

4. bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Joseanne Farrugia detentrici tal-karta ta' l-identita' 442382M, biza' li se tintuza vjolenza kontriha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Joseanne Farrugia hekk tibza kull darba minn dawk l-okkazjonijiet;

5. fl-istess zmien u cirkostanzi ingurja u/jew hedded lil Joseanne Farrugia.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 (c) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Joseanne Farrugia u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Joseanne Farrugia ai termini ta' l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-akkuzat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Fl-udjenza tal-lum dehret il-kwerelanta li rrinunzjat ghal dak kollu li hu rinunzjabbli kriminalment fil-konfront tal-akkuzat u stqarret illi r-relazzjoni ta' bejniethom giet ghan-normal.

L-akkuzi jittrattaw ferita hafifa (issa rinuzjata) u offizi li jolqtu l-Artikolu 251A li jipprovdu kontra l-fastidju. L-ahhar akkuza hija kontravenzjonali u hi f'kull kaz assorbita fl-offizi li jippreceduha.

L-akkuzat fl-istess udjenza tal-lum irregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Billi l-ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata, wara li rat l-Artikolu 251A, 339(c) u 17 tal-Kap 9 u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 u applikat l-Artikolu 383 tal-Kap 9 qeghdha tillibera lill-akkuzat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sitt xhur mill-lum, torbtu ghall-perjodu ta' sena mill-lum taht penali ta' €2330 sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-kwerelanta u jinzamm il-bon ordni pubbliku u tikkundannah €100 ammenda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------